# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 60/2023: **JOSEPH SIVE JOSIE GRECH (KI. 20161M) U MARIE CELINE GRECH (KI. 241560M) V. MARK LAMB (KI. 31809A) U GILLIAN LAMB (KI. 31808A)**

(PRESKRIZZJONI TA' SENTEJN GHAL AZZJONI GHALL-HLAS TA' HSARAT MHUX IKKAGUNATI B'REAT, KAP. 16, ART. 2153 – L-INKOMPATIBBILITA TAL-ECCEZZJONI TAL-PRESKRIZZJONI MA' DIK LI L-AMMONT MITLUB HUWA ESAGERAT – IR-RINUNZJA GHALL-PRESKRIZZJONI HIJA IRRIVERSIBBLI U XEJN MA JISWA LI L-ECCIPJENT JIRTIRA ECCEZZJONI LI PERMEZZ TAGHHA JKUN EFFETTIVAMENT IRRINZUNJA GHALL-PRESKRIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' April 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Joseph sive Josie Grech u Marie Celine Grech (hawn imsejjħa "ir-rikorrenti") ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2023[1] li permezz tiegħu talbu lil Mark Lamb u Gillian Lamb (hawn imsejjħa "l-intimati") sabiex jidhru fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħidu 'l għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati li:

> **'u tgħidu l-għaliex m'għandkomx tkunu kkundannati tħallsu s-somma ta' erbatax-il elf, tmien mija u tnax-il ewro (€14,812), oltre l-imgħax legali, rappreżentanti danni kkawżati fil-fond tal-esponenti, jiġifieri 48, Benelham, Triq il-Qantar, Swieqi, u dan bħala konsegwenza ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni magħmula minnkom fil-fond sovrastanti proprjetà tagħkom, 44, Tulip, Triq il-Qantar, Swieqi.**
>
> **Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fit-12 ta' April 2023[2] li permezz tagħha wieġbu kif ġej:

[1] Fol 1-3
[2] Fol 7

**‘1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan stante li kwalunkwe azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn;**

**2, Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċepit it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dana għar-raġunijiet segwenti;**

**3. Illi r-rikorrenti għandhom jipprovaw d-danni kkawżati fil-fond tagħhom ċioe dak bin-numru 48 *Benelham Triq il-Qantar Swieqi Malta*, kif imsemmi fl-istess talba;**

**4. Illi subordinatament u bla ħsara għas-susespost, *dato ma non concesso* li ġew ikkawżati xi danni, l-ammont kif mitlub fit-talba tar-rikorrenti huwa eċċessiv kif ukoll wieħed esaġerat u f’kull każ il-maġġoranza tal-ħsarat kienu pre-eżistenti għall-meta l-esponenti bdew ix-xogħol ta’ kostruzzjoni u dan kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża *de quo*;**

**5. Illi fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti għandhom jressqu provi sodisfaċenti tad-danni allegatament sofferti minnhom u li dawn id-danni kienu r-riżultat tax-xogħolijiet magħmula mill-konvenuti u mhux minn terzi.**

**6. Għalhekk għar-raġunijiet premessi it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda *in toto* bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.**

**7. Salv eċċezzjonijiet oħra fil-fatt u fid-dritt permissibbli bil-Liġi.**

**Bl-ispejjeż’**

wara li rat li fl-10 ta’ Ottubru 2023 ir-rikorrenti ppreżentaw nota li permezz tagħha rtiraw ir-raba’ eċċezzjoni sollevata minnhom fir-risposta[3],

wara li rat illi fid-dawl tal-eċċezzjoni preliminari ta’ preskrizzjoni mressqa mill-intimati, il-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi sabiex tiġi trattata u disposta tali eċċezzjoni,

wara li semgħet ix-xhieda, qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom u rat id-dokumenti esebiti fir-rigward tal-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni,

wara li rat in-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi fuq din l-eċċezzjoni preliminari ppreżentati għan-nom:

- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Natalino Caruana De Brincat[4],
- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Chantal Bezzina[5],

qed tagħti din is-

## Sentenza parzjali

1. Ir-rikorrenti fetħu din il-kawża wara li skont huma sofrew danni fil-proprjeta’ tagħhom 48, Benelham, Triq il-Qantar, Swieqi b’kawża ta’ xogħolijiet ta’ kostruzzjoni

[3] Fol 20
[4] Fol 52-57
[5] Fol 60-64

magħmula mill-intimati li huma s-sidien tal-fond sovrastanti, 44, Tulip, Triq il-Qantar, Swieqi. L-ammont ta' danni ġie likwidat mir-rikorrenti fl-ammont ta' € 14,812. L-intimati laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi apparti numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu, eċċepew b'mod preliminari l-preskrizzjoni tal-azzjoni bid-dekors ta' sentejn ai termini tal-Art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Skont l-Artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għandha tiġi deċiża b'kap għaliha, qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Stante illi l-akkoljiment ta' eċċezzjoni ta' din in-natura għandha bħala effett tagħha l-estinzjoni tal-proċeduri, jagħmel sens għall-ekonomija tal-ġudizzju li din il-Qorti tiddeċiedi fuqha qabel ma' tisma l-provi fuq il-mertu.

3. L-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili invokat mill-intimati jaqra kif ġej:

> **'2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.'**

4. Il-preskrizzjoni hija mezz li permezz tagħha jista' jiġi akkwistat dritt jew inkella jintilef dritt t'azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tieghu għaż-żmien li tgħid il-liġi. Il-periodu preskrittiv iżda jista` jiġi interrott jew sospiż u inoltre meta dan ikun iddekorra jista` jkun hemm rinunzja, kemm espressa kif ukoll taċita, għall-effetti ta' dik il-preskrizzjoni b'mod li d-dritt hekk mitluf jiġi ravvivat[6].

5. Il-Kodiċi Ċivili fl-artikolu 2127 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi x' inhuma ċ-ċirkostanzi li permezz tagħhom jista' jinkiser it-terminu tal-preskrizzjoni u dawn jinkludu *inter alia*:

   - It-talba bl-att ġudizzjarju nnotifikat lid-debitur (Artikolu 2128 tal-Kap. 16)[7].
   - L-għarfien tal-jedd tal-parti li kontra tagħha hu għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni (Artikolu 2133 tal-Kap. 16)[8] .
   - Il-ħlas akkont (Artikolu 2134 tal-Kap. 16)[9].

6. Fil-każ in eżami qed jiġi sottomess mill-intimati illi x-xogħolijiet **strutturali** tlestew f'Settembru 2020, xi ħaġa li skont huma toħroġ ukoll mill-ittra uffiċjali ppreżentata

---

[6] **Albert Mizzi noe. v. John Mousu pro. et. noe.** (16/04/2004, Appell Ċivili Numru. 1062/1989/1)
[7] **2128. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom**
[8] **2133. Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja**
[9] **2134. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih.**

mir-rikorrenti bin-numru 3508/2020 fis-26 ta' Ottubru 2020, u li allura laħqu għaddew aktar minn sentejn meta ġiet ippreżentata l-kawża odjerna fis-7 ta' Marzu 2023. Ir-rikorrenti min-naħa tagħhom jinsistu illi x-xogħolijiet baqgħu għaddejjin ferm wara din id-data u li tali xogħolijiet ma kienux biss sempliċiment *"xogħolijiet minimi relatati mal-finishings"* kif allegat mill-intimati, iżda kienu jinkludu ukoll xogħolijiet ta' kostruzzjoni tant illi *"mal-faċċata tal-proprjeta' tal-intimati, fid-data tal-intavolar tal-kawża odjerna u anke sa xhur wara, huma kien għad għandhom il-permess imwaħħal, u dan kif jixhed Dokument JG2 anness mal-affidavit ta' Joseph Grech, a fol 44 u 45 tal-proċess"*. Inoltre jgħidu illi skont kif xehed ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu (a fol 23), l-Perit Mark Azzopardi kkonstata illi l-ħsarat, *"għalkemm kienu bdew fl-2020, sas-sena 2022 kienu għadhom qed ifeġġu u dan minħabba l-fatt li x-xogħol kien għadu għaddej".* Jgħidu ukoll li skont kif xehed l-istess rikorrenti fl-affidavit imsemmi, *"f'Gunju tat-2022, is-Sinjuri Lamb kienu qegħdin jdaħħlu ħafna materjal fid-dar tagħhom bħal ramel, xaħx, madum u materjal għall-kisi fost oħrajn u għalhekk huwa ovvju li sas-sena 2022 ix-xogħol da parti tagħhom kien għadu għaddej".*

7. Mhux qed jiġi sottomess mir-rikorrenti illi l-preskrizzjoni ġiet interrotta jew inkella sospiża b'xi atti tal-intimati għalkemm il-Qorti naturalment tista' tqis kollox fl-analiżi tagħha dwar jekk l-azzjoni tar-rikorrenti ġietx preskritta jew le bit-trapass taż-żmien darba tqajjmet tali eċċezzjoni.

8. Skont l-Art. 2137 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'2137... il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata ...'**

9. Kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation</u>** (Qorti tal-Appell, Ċit 2761/2002 PS, 12/01/2005):

> "Huwa principju maghurf f' materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt ghar-rizarciment tal-hsara minhabba fatt illecitu jiddekorri mill-mument li fih il-hsara timmanifesta ruhha esternament u ssir oggettivament percepibbli u maghruf"

10. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Raphael Micallef v. Anthony Agius</u>** (PA, Ċit 1003/1989/2 PS, 09/06/2004) ingħad imbagħad illi:

> "...ma tistax taqbel mas-sottomissjoni illi kienet tipprevali t-tezi li biex wiehed ikollu d-dritt ta' azzjoni jrid bilfors ikun hemm vjolazzjoni ta' dritt, u biex ikun hemm vjolazzjoni ta' dritt, wiehed irid ikun konsapevoli ta' dik il-vjolazzjoni biex ikollu interess guridiku mehtieg biex jezercita dik l-azzjoni. Din is-sottomissjoni hi guridikament insostenibbli, ghaliex ghandu jkun manifest illi l-vjolazzjoni ta' dritt kien fatt storiku oggettiv li jezisti indipendentement minn jekk id-danneggjat ikunx jew le konsapevoli tad-dannu li tali fatt illecitu kien qed jarrekalu"

Intqal ukoll mill-Qorti illi l-principju "contra non volentem agere non currit prescriptio" jirreferixxi biss ghall-impedimenti legali, "e non gia ancora all' ignoranzia dei proprii diritti" (Vol. XXIV P I p 388).

11. Ingħad ukoll fis-sentenza **<u>Il-Bajja Limited v. Inna Korelova noe. et.</u>** (Qorti tal-Appell Superjuri, App Ċiv 168/2007/2, 28/03/2014) illi:

“Huwa minnu kif targumenta s-socjeta` appellanti, li meta n-natura tal-hsarat tkun li l-istess hsarat ikunu kontinwi, it-terminu relattiv ghal bidu tal-perjodu preskrittiv ‘ma jibdiex jghaddi jekk mhux minn meta jsiru x-xoghlijiet mehtiega biex il-hsara tieqaf tkompli issir’ (Portelli v. Attard – 20 ta’ Marzu 1997). Huwa minnu ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Abela v. Francis Cassar deciza minn din il-Qorti fl-14 ta’ Jannar 2002 gie deciz illi ‘f’materja ta’ perkolazzjoni ta’ ilma u umdita` fejn il-hsara timmanifesta ruhha ferm bil-mod ma kienx facli biex wiehed jistabilixxi meta effettivament id-danneggjat setgha japprezza l-gravita` tal-problema u f’kull kaz f’sitwazzjoni bhal din id-decizoni tal-Qorti kellha tiffavorixxi lill-persuna kontra min tkun qeghda tiddekorri l-preskrizzjoni. Dan ukoll bl-applikazzjoni tal-principju contra non valentem non currit prescriptio.’”

12. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Josephine sive Josette Azzuz Caruana v. George Pace et. noe.</u>** (Qorti tal-Appell Superjuri, Rik 536/16/1, 12/07/2023) ingħad illi:

“skont il-ġurisprudenza, fejn si tratta ta’ danni kaġunati minn ingress ta’ ilma, id-danni huma ta’ natura kontinwa u l-preskrizzjoni ma tibdiex tgħaddi ħlief minn meta jsiru x-xogħlijiet meħtieġa biex tieqaf tkompli dik il-ħsara.”

13. Imbagħad fis-sentenza riċenti mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet: **<u>Saviour sive Salvu Buttigieg et v. Joseph Buttigieg noe</u>** (Rik. 11/2018/1, deċiż 25/02/2025) intqal is-segwenti:

“11. Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-Art. 2153 jgħid b’mod skjett li “l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn” u xejn iktar. Ma jgħid xejn dwar id-*dies a quo* li għalhekk il-leġislatur ħalliha biex tiġi stabbilità mid-dottrina u l-ġurisprudenza.

12. L-Art. 2947 tal-Kodiċi Ċivili Taljan huwa iktar sofistikat minn tagħna u jikkonsisti fi tlett paragrafi. L-ewwel paragrafu tiegħu jgħid li “*Il diritto al risarcimento del danno derivante da fatto illecito si prescrive in cinque anni dal giorno in cui il-fatto si e`verificato*”. Iż-żmien jibda għaddej mhux minn meta jitwettaq l-att illeċitu imma “*dal momento in cui il danno si manifesta all’esterno, devenendo oggettivamente percepibile e conoscibile”.*[10] Dan hu konformi mal-ġurisprudenza tagħna.

[10] Qorti tal-Kassazzjoni C 10/12699; 13/21255,16/4899.

13. Il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana tiddistingwi bejn att illeċitu **istantanju** u att illeċitu **permanenti**. Tal-ewwel jikkonsisti f'azzjoni li titwettaq f'temp ta' żmien definit; iż-żmien jibda' jgħaddi mal-ewwel manifestazzjoni tad-dannu. Tat-tieni l-preskrizzjoni terġa' tibda għaddej f'kull jum wara li tkun dehret l-ewwel darba, sakemm jintemm l-aġir dannuż, għaliex id-dritt għad-danni jitfaċċa b'mod kontinwu hekk kif jiġi prodott id-dannu.

14. Iż-żmien jiskatta mir-rapport kawżali bejn l-aġir *contra ius* (*dolo* jew *culpa*) u d-dannu. Fl-illeċitu istantanju dan l-aġir jintemm hekk kif jiġi kkawżat id-dannu, anke jekk dan jibqa' hemm b'mod awtonomu (hekk imsejjaħ *fatto illecito istantaneo ad effetti permanenti*). Fl-illeċitu permanenti l-aġir, barra li jipproduċi l-effett dannuż, jibqa' jsostnieh kontinwament għaż-żmien kollu li fih jibqa' jeżisti d-dannu, b'tali mod li l-att illeċitu u d-dannu jibqgħu jeżistu flimkien.[11] Hekk biex din il-Qorti ġġib eżempju, jekk wieħed itajjar lil xi ħadd bil-karozza, l-att illeċitu jkun wieħed istantanju, anke jekk l-effetti fuq il-vittma jibqgħu hemm għal ċertu żmien jekk mhux tul ħajtu kollha. Jekk wieħed iħalli pajp tal-ilma jqattar fi ħwejġu, u l-ilma jidħol għand il-ġar, u jagħmillu l-ħsara, il-preskrizzjoni ma tibdiex tgħaddi qabel ma jitwaqqaf l-iskular tal-ilma.

15. Imqar jekk mhux b'mod ċar daqs dak tal-Kassazzjoni Taljana, dawn il-Qrati fil-fatt addottaw id-distinzjoni bejn atti illeċiti istantanji u atti illeċiti permanenti - kif ukoll jidher mill-ġurisprudenza ċċitata mill-Ewwel Qorti u mill-appellanti

16. Kif ġja ngħad, l-aġir li jilmentaw minnu l-atturi seħħ f'perjodu determinat, u għalhekk kien wieħed istantanju, anke jekk il-ħsara kompliet tikber maż-żmien. L-atturi għalhekk kellhom jaġixxu appena l-ħsara mmanifestat ruħha esternament. Fl-aħjar ipotesi għall-atturi dawn kellhom jaġixxu għallinqas malli l-ħsara waqfet tikber. L-appellanti jsostnu li l-ħsara kompliet tikber wara r-rapport tal-Perit Joseph Dimech tal-15 ta' Settembru 2014 iżda din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiddiskosta ruħha mill-konklużjoni tal-perit tekniku mqabbad mill-Ewwel Qorti, u li l-Ewwel Qorti qagħdet fuqu, li l-ħsara ma kibritx b'mod sinifikanti minn dik id-data. Wara l-15 ta' Settembru 2014 l-atturi ppreżentaw ittra uffiċċjali fil-5 ta' Diċembru 2017 li ġiet notifikata fil-11 ta' Diċembru 2017 – meta l-perjodu ta' preskrizzjoni kien diġà għadda.

17. Għalhekk it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud."

14. Minn dak li jirriżulta mir-rapporti *ex-parte* tal-Perit Mark Azzopardi[12], jidher illi fl-ispezzjoni li saret fil-fond tar-rikorrenti fid-29 ta' Ottubru 2020 ġew kkonstatati numru ta' konsenturi f'diversi ħitan inkluż fil-kamra tas-sodda prinċipali, matul il-kuritur u fil-madum tal-ħajt bejn il-kamra tal-banju u *washroom* u inoltre il-Perit sab sinjali ta' ingress tal-ilma u moffa fil-kamra tas-sodda li tagħti għal fuq il-bitħa. Imbagħad fl-ispezzjoni li saret fl-istess fond fit-28 ta' Jannar 2022 apparti li reġgħu ġew ikkonstatati l-istess ħsarat, ġie innotat illi kien hemm *"loss of wall tiles grouting"*

---

[11] Ara C Massimo Bianca, Diritto Civile, Vol 7, Le Garanzie Reali/La Prescrizione (2012) para. 336.
[12] Fol 24-43

fil-ħajt ta' bejn il-kamra tal-banju u l-*washroom* kif ukoll li *"the tiling in the kitchen was also found to be detached from the wall"*

15. Għalhekk jirriżulta mad-daqqa t'għajn u dejjem mir-rapport tal-perit maħtur mir-rikorrenti illi kien hemm element ta' kontinwita' fil-ħsarat riskontrati bejn l-2020 u l-2022. Apparti kollox ma jidhirx li l-aġir li jilmentaw minnu r-rikorrenti seħħ f'perjodu determinat nonostante dak li rritenew l-intimati.

16. Il-Qorti hija għalhekk propensa illi tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-intimati u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu. Madanakollu tqis illi hemm kwistjoni oħra illi twassal għaċ-ċaħda ta' din l-eċċezzjoni. Diġà ingħad iktar 'l fuq illi mhux qed jiġi sottomess mir-rikorrenti illi l-preskrizzjoni ġiet interrotta jew inkella sospiża b'xi atti tal-intimati. Madanakollu l-Qorti xorta waħda għandha s-setgħa u anzi d-dmir li tgħarbel il-provi li ġew imressqa quddiemha sabiex tqis jekk jirriżultax tali interruzzjoni jew sospensjoni tal-preskrizzjoni.

17. Waqt li qed tagħmel din l-analiżi l-Qorti għandha ukoll iżżomm quddiem għajnejha illi trattandosi ta' materja "odjuża" bħal ma hija dik tal-preskrizzjoni, li twassal biex il-kawżi jispiċċaw mingħajr ma jkunu ġew effettivament deċiżi fil-mertu, din għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva.[13]

18. Fil-ġurisprudenza insibu li r-rinunzja għall-preskrizzjoni:

- ma tiġix preżunta iżda trid tiġi pruvata b'mod konklużiv u jekk tali rinunzja tkun taċita irid jinsorġi fatt car u evidenti li jkun jinkludi fih l-intenzjoni tar-rinunzja u li ma jkunx jippresta ruhu ghal xi interpretazzjoni oħra jew li jqajjem xi dubju dwar l-intenzjoni tar-rinunzjant.[14]
- tista' ssir kemm b'mod espress, kif ukoll b'mod taċitu[15].
- Issir b'mod taċitu meta r-rinunzja tal-preskrizzjoni titnissel minn fatt li jissoponi l-abandun tal-jedd akkwistat[16];
- ir-rinunzja taċita għall-preskrizzjoni għandha tirriżulta minn fatti jew kliem li jkunu inkompatibbli mar-rieda li wieħed jinqeda mill-preskrizzjoni[17];
- Biex teżisti tali rinunzja ma hemmx bżonn li d-debitur b'dawk il-kliem jew fatti jkun jaf li kien qiegħed jirrinunzja għall-preskrizzjoni[18];

---

[13] Ara **Josephine Camilleri et. noe. v. Yvonne Camilleri et.** (PA, 14/07/2022, Rik 1169/2013 GM)
[14] **Pauline Cachia v. Joseph Aquilina noe** (09/06/2004, Ċit. Nru. 1118/1995/2 PS, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili)
[15] Art. 2109(1) tal-Kap. 16 u **Francesco Tabone v. Tommaso Saguna et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 1892
[16] Art. 2109(2) tal-Kap. 16 u **Dominic Department Stores Ltd v. Malta Dairy Products Ltd** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2003
[17] **Carmelo Micallef v. Brigadier John Belle Mc Cance nomine** deċiża fit-30 ta' Mejju, 1952
[18] **Maria Concetta Demarco et v. Giorgio Zammit** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Ġunju, 1943

- Dak li hu meħtieġ huwa biss li r-rinunzja tal-preskrizzjoni ġa miksuba tkun waħda ċara u mhux maħsuba jew implikata minn kliem jew għemil vag[19];
- F'dan l-għarbiel għandu jitħaddem il-prinċipju li r-rinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinġibed ħlief meta ma hemm l-ebda dubju fuq li l-konvenut irid hekk[20];
- Tassew ir-rinunzja trid tkun waħda ċara u espliċita, b'dana li f'każ ta' dubju jew inċertezza wieħed għandu jmil lejn il-fehma li l-preskrizzjoni ma tkunx ġiet rinunzjata[21];
- Jekk kienx hemm din ir-rinunzja jew le, din hi kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt imħollija fil-ġudizzju prudenti tal-Qorti, li dwarha ma jeżistux normi jew regoli stabbiliti minn qabel[22];

19. Sfiq ma' dawn il-prinċipji fuq elenkati l-ġurisprudenza żviluppat ukoll l-prinċipju tar-rinunzja għall-preskrizzjoni eċċepita bl-aġir tal-eċċipjent fin-nota tal-eċċezzjonijiet nfusha, ossia meta dan ikun ressaq eċċezzjoni oħra li tkun inkompatibbli mal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni fosthom dik illi l-ammont reklamat mill-attur huwa esaġerat.

20. Fis-sentenza fl-ismijiet **Kooperattiva tal-Coaches (Koptaco) Ltd v. Thomas Smith Insurance Agency Limited noe. et.** (Rik. 121/13/1 GM, deċiż 14/03/2019) ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili illi għalkemm l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija nkompatibbli mal-eċċezzjoni li l-ammont mitlub huwa esaġerat, madanakollu dan jgħodd biss meta l-eċċipjent ma jkunx ukoll eċċepixxa n-nuqqas ta' responsabiltà għad-danni mitluba:

> "Illi dak li sfuġġa lill-konvenuta u lill-imsejjħa fil-kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħhom hi li fl-eċċezzjonijiet tagħhom fir-Risposta Ġuramentata, huma ma llimitawx ruħhom għall-kontestazzjoni tal-kwantum. Anzi din l-eċċezzjoni (ir-raba' waħda) saret wara, u bla preġudizzju għal, mhux biss dik tal-preskrizzjoni (it-tieni waħda) imma wkoll dik taċ-ċaħda tar-responsabilita` tas-sewwieq (it-tielet waħda). Mela f'din il-kawża – b'kuntrast evidenti ma' Vella u Cefai u sentenzi oħrajn - m'hawnx biss *sic et sempliciter* il-kontestazzjoni tal-kwantum. Hawn ukoll ċaħda totali tar-responsabilita` għall-inċident; fi kliem ieħor negazzjoni li huma debituri. Huwa in vista ta' din il-qagħda li huwa applikabbli t-tagħlim tad-dottrina u tal-ġurisprudenza ċċitatata mill-konvenuta u mill-imsejjħa fil-kawża li:

[19] **Carmlu Limited v. Joseph Cachia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019 u **Emmanuel Pace v. Fred Fenech** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 1978
[20] **Cordina Insurance Agency Ltd nomine v. Air Malta plc** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-1 ta' Novembru 2006 u **Carmelo Cassar et v. Avv. Dr. Paolo Azzopardi** nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 1935
[21] **Joseph Chircop et v. Salvatore Muscat nomine** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2000 u **Goffredo A. Chretien nomine v. Annunziato Baldacchino** deċiża fit-23 ta' Ottubru, 1933
[22] **Joseph Borg v. Maria Testaferrata Bonici** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu, 1958

(i) "*quando il debitore, **senza negare in sostanza di essere tale,** si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, vi ha rinunzia tacita alla prescrizione*"[23] u li

(ii) "id-debitur li ma jiċħadx li kellu jagħti, **imma biss jallega li huwa jidhirlu li ma għandux jagħti daqskemm jippretendi l-kreditur nomine**, jirrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni; għaliex l-inċertezza tal-quantum ma tirrendix nulla r-rikonjizzjoni tad-debitu meta tkun aċċertata l-kawża tiegħu"[24];

Illi għalhekk f'dan il-każ il-Qorti m'għandhiex raġuni biżżejjed biex tqis li l-konvenuta u l-imsejjħa fil-kawża rrinunzjaw taċitament għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni."

21. Madanakollu din is-sentenza ġiet imdawwra fl-appell deċiż fil-25 ta' Mejju 2023 meta l-Qorti tal-Appell Superjuri qalet is-segwenti:

"19. Tassew jeżistu ċirkostanzi, fejn il-preskrizzjoni ma jibqgħalha l-ebda valur minħabba li d-debitur iħaddan magħha linja ta' difiża oħra li tpoġġih f'qagħda li tmur kontra l-eċċezzjoni mogħtija minnu stess tal-preskrizzjoni. Linji difensjonali bħal dawn, jistgħu jiġu interpretati bħala għarfien tad-dejn u għalhekk iġibu bħala konsegwenza l-ksur tal-preskrizzjoni jew ir-rinunzja għall-preskrizzjoni jekk din tkun laħqet għaddiet (ara ***Stephen Scicluna v. Perit Claude Busuttil*** deċiża mill- Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017).

20. Hekk biex wieħed jispjega aħjar dan il-prinċipju, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni titqies li tkun ġiet rinunzjata u mwaqqa': (i) fejn id-debitur ma jkunx ċaħad id-dejn u saħansitra jkun għaraf anke b'mod impliċitu jew indirett illi l-obbligazzjoni mhijiex estinta (ara ***Parroco Sac. Francesco Saverio Mifsud v. Nicola Decelis*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1921 u ***Victor Calleja noe v. Nazzareno Vassallo et noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998); (ii) fejn id-debitur jgħid li hija dovuta somma inferjuri għal dik mitluba (ara ***Giorgio Demarco et v. Giovanni Aquilina***, Appell Kummerċjali tal-10 ta' Ġunju, 1946 u ***Emmanuel Vella et v. Adelina Sacco et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis 27 ta' Ottubru, 2017); (iii) fejn id-debitur iqajjem id-difiża tat-tpaċija (ara ***Joseph Vella pro et noe v. John Vella*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-7 ta' Ottubru, 1997, ***Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Ottubru, 2007 u ***Hal Mann Limited v. Avukat Dottor Tonio Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011); u (iv) fejn id-debitur jirrifjuta illi jħallas għaliex jgħid li x-xogħol sar ħażin, bl-inferenza tkun, li jekk jirriżulta li x-xogħol, fil-fatt sar tajjeb, ma jkunx hemm ostakolu għall-ħlas (ara ***Kunsill Lokali Birżebbugia v. Direttur tad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni, Taqsima Xogħlijiet*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007).

21. Fil-kuntest ta' dan kollu, din il-Qorti taqbel għalkollox mal-aggravju tal-Kooperattiva appellanti li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn imqajma miż-żewġ appellati ma tistax

---

[23] Aubry et Rau Vol VIII para 776; Troplong, Prescrizione no 67
[24] **<u>Gustavo Micallef v Eleneore Micallef</u>** (PA, Koll. XXXII.ii.307)

tintlaqa' ladarba f'eċċezzjoni oħra tagħhom huma sostnew li t-talba għall-ħlas tal-Kooperattiva attriċi hija esaġerata.

22. Fil-qofol tagħha, eċċezzjoni bħal din, hija għamla ta' stqarrija tad-dejn, għalkemm mhux fl-ammont mitlub. U stqarrija tal-eżistenza tad-dejn ixxejjen l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (ara ***Maria Carmela Xuereb v. Chantel Xuereb Mulvaney et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022 u ***Guido J. Vella A. & C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001).

23. Il-fatt li l-eċċezzjoni dwar l-eċċessività tal-ammont mitlub mill-attur tkun ġiet imressqa mill-konvenut bla preġudizzju għall-eċċezzjoni għall-preskrizzjoni u bla preġudizzju wkoll għall-eċċezzjoni li l-konvenut m'għandu jagħti xejn lill-attur għaliex mhux responsabbli għal dak li qed jitlob l-attur, ma jbiddilx din il-pożizzjoni. Dan għaliex xorta waħda l-eċċezzjoni fuq il-kwantum tad-danni tibqa' kontradittorja ma' dik tal-preskrizzjoni, irrispettivament mill-fatt li din tkun tressqet bla preġudizzju dwar l-eċċezzjoni fuq in-nuqqas ta' responsabbilità."

22. Jekk titwarrab fil-ġenb is-sentenza fuq ċitata tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-ġurisprudenza hija kostanti u konkordi illi l-inkompatibbilita' bejn l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u l-eċċezzjoni li l-kwantum huwa esaġerat hija waħda assoluta u tibqa' hekk anke jekk id-debitur ikun ressaq ukoll l-eċċezzjoni tal-ineżistenza assoluta tad-debitu, jew inkella ikun ressaq l-eċċezzjoni inkompatibbli *mingħajr preġudizzju* għall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

23. Hekk pereżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Consiglio Livori v. Jacksons Company Limited** (QTM. Avv. Nru. 196/2011 GV, deċiża 04/02/2013) li kienet titratta danni sofferti wara inċident fuq il-post tax-xogħol, is-soċjeta' konvenuta kienet eċċepiet li *"(i) l-azzjoni attrici hija preskritta bit-trapass ta' sentejn mid-data ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni, ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal- Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, hija ma kellha ebda responabilità ghall-incident de quo; u (iii) in subsidium u minghajr pregudizzju ghal dak eccepit, il-quantum tad-danni reklamati huwa wiehed eccessiv."* Il-Qorti tal-Maġistrati ddeċidiet illi:

"Minn qari u konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta ghat-talba attrici huwa immedjatament evidenti li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minnha sollevata ma tistax tirnexxi. In effetti ghalkemm is-socjetà konvenuta teccepixxi li l-azzjoni attrici hija preskritta bid-dekors ta' sentejn mid-data ta' l-incident meritu tal-kontestazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istess hin teccepixxi wkoll li l-quantum tad-danni reklamati mill-attur huwa wiehed eccessiv. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma inkompatibbli ma' xulxin u l-eccezzjoni li l-quantum tad-danni huwa eccessiv effettivament toqtol l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li hemm kontestazzjoni dwar il-quantum ta' l-ammont pretiz."

L-istess kawża giet ikkonfermata fl-appell li ġie deċiż fis-27 ta' Mejju, 2015 meta il-Qorti tal-Appell marret oltre dak li qalet l-Ewwel Qorti:

"Din il-Qorti tibda sabiex tosserva illi l-eccezzjonijiet imressqa 'il quddiem mis-socjeta appellanti huma kontradittorji u dana ghaliex ghalkemm is-soċjetà konvenuta teċepixxi il-preskrizzjoni tas-sentejn skond l-artikolu 2153 u ukoll illi mhijex responsabbli għall-inċident de quo u allura qiegħda tichad li ghandha taghti, fl-istess ħin, imbaghad, teċepixxi fit-tielet eċċezzjoni li jidrilha li ma għandhiex tagħti daqs kemm il-kreditur jippretendi minghandha għaliex skond hija l-ammont huwa esaġerat.

Huwa pacifiku qabel xejn illi l-oggett tal-preskrizzjoni huma d-drittijiet soggettivi sostanzjali. Dan huwa hekk logiku minn dak dispost fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 2107 liema artikolu jfisser il-preskrizzjoni bhala mezz liberatorju biex wiehed jehles minn azzjoni fejn il-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi. Zmien li bhala regola generali u b'disposizzjoni ohra espressa l-ligi tqisu li jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss (Art 2137).

L-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` ndipendenti mill-volonta` tieghu dovuta ghal kawza estranea li ma setax jirrimuovi."[25] Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet: *"Wisq naturali, in meritu ghall-punt hawn ikkunsidrat, ir-rinunzja, minhabba l-effett ta' fatt jew att inkompatibbli mal-volonta`, tista' tigi dezunta anke minn certi difizi formulati b'mod li jimplikaw l-ammissibilita` tad-dritt kreditorju. Kif pero` jinsab kawtelat "f'dan l-ezami ghandu naturalment isehh il-principju li jiggoverna kwalunkwe rinunzja tacita, cioe`, illi l-fatt li minnu tigi indotta r-rinunzja tacita jehtieg ikun tali li ma jistax ragonevolment jigi interpretat mod iehor ghajr illi min ghamlu ried jirrinunzja. Dan ifisser illi, biex jista' jinghad li l-konvenuta rrinunzjat tacitament ghall-preskrizzjoni issa eccepita minnha, jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta illi l-ghemil taghha huwa inkompatibbli mal-volonta taghha li tivvantaggja ruhha mill-preskrizzjoni akkwistata*".[26]

Il-Qorti tal-Appell kompliet biex tgħid is-segwenti:

"L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni eċċepita hija inkompatibbli mas-sistema ta' difiża (fit-tielet eċċezzjoni) adottata mis-soċjetà konvenuta li l-ammont huwa esaġerat. Li kieku is-soċjetà konvenuta appellanti waqqfet wara t-tieni eċċezzjoni, (u ċioe li l-ammont huwa preskritt u li hija mhux id-debitrċi) ma kien ikun hemm ebda inkompatibilità bejn l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta konvenuta appellanti. Madanakollu, is-soċjetà appellanti ghazlet li tressaq bhala difiza taghha l-eccezzjoni dwar l-ammont reklamat bhala wiehed esagerat. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet flimkien huma inkonciljabbli u inkompatibbli. Huwa minnu dak li tgħid is-soċjetà appellanti illi hija tadotta ukoll il-linja tad-difiża tal-ineżistenza tad-debitu pero hija eċċepiet ukoll li l-ammont huwa esaġerat, liema eċċezzjoni timporta rikonjizzjoni u l-ammissjoni tad-dejn filwaqt li tikkontesta l-quantum tal-istess dejn. Bir-rikonjizzjoni tad-dejn is-soċjetà konvenuta appellanti interrompiet kif ukoll taċitament irrinunzjat għall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri."

24. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Guido J. Vella A.&C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.</u>**D (QAĊ, Ċit Nru 147/88, deċiż 05/10/2001) ingħad mill-Qorti tal-Appell:

---

[25] Vol XLIX pI p500
[26] Joseph Borg -vs-Nobbli Maria Testaferrata Bonici", Appell Civili, 24 ta' Marzu, 1958

> "illi l-eccezzjoni ta' l-appellant illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohra fosthom dik tal-preskrizzjoni, l-ammont mitlub mill-attur appellat kien esagerat u mhux dovut lilu fl-ammont minnu mitlub, hi inkonsistenti ma' l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din it-tielet eccezzjoni ma tistax ma tinftiehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu imma li kontestazzjoni tal-quantum"

25. Fis-sentenza fl-ismijiet: **Fond għall-Protezzjoni u Kumpens v. Carl Mario sive Karl Micallef et.** (PA, Rik 134/17LM, deċiż 21/02/2018), għal darb' oħra dan kien każ fejn l-attriċi kienet qed titlob danni subiti f'inċident awtomobilistiku u l-konvenut eċċeppixxa *"(i) Illi preliminarjament, it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. (ii) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda stante li l-inċident de quo ma seħħx b'xi tort imputabbli lill-intimat Joseph Azzopardi iżda seħħ minħabba tort, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tal-intimat l-ieħor Carl Mario sive Karl Micallef. (iii) Illi mingħajr preġudizzju wkoll, il-quantum tad-danni mitlub huwa eċċessiv u sproporzjonat stante li Celine Briffa qatt ma kienet ser tkun dipendenti ekonomikament fuq id-dħul tad-defunta oħtha Hayley Anne Briffa."* Fis-sentenza tagħha l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili wara li kkwotat is-sentenza fuq ċitata fl-ismijiet *"Consiglio Livori vs Jacksons Company Limited"* ikkwotat ukoll is-sentenza fl-ismijiet: **Mario Pace v. Corinthia Palace Hotel Company Limited et** (P.A., 13.06.2013) fejn ingħad hekk:

> "Difatti ma hemmx inkompatibiltà bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjoni l-oħra issollevata miż-żewġ konvenuti fis-sens li mhumiex responsabbli għad-danni li tfisser ċaħda assoluta tad-debitu. **Iżda jekk, mill-banda l-oħra, waħda mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut tkun dik tal-kompensazzjoni** jew li l-ammont reklamat mill-attur ma jkunx dovut lilu fl-ammont minnu mitlub (u għalhekk f'xi ammont anqas), allura jkun hemm rinunzja taċita tal-preskrizzjoni b'mod li jkun hemm inkompatibilità bejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u li l-ammont mitlub mhux dovut."

Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qablet mal-pożizzjoni tal-Qrati tagħna minkejja li kien hemm eċċezzjoni ukoll tal-ineżistenza assoluta tad-debitu (flimkien mal-eċċezzjoni tal-kwantum esaġerat) u qalet hekk:

> "Illi filwaqt li tagħmel tagħha dan l-insenjament, tqis illi bit-tielet eċċezzjoni tiegħu l-konvenut Azzopardi rrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni u għalhekk s-somma ta' €51,180 mitluba mill-Fond attur kif surrogat fid-drittijiet ta' Celine Briffa, hija dovuta in solidum miż-żewġ konvenuti bejniethom."

26. Applikat l-insenjament tas-sentenzi fuq ċitati għall-fatti tal-każ odjern jirriżulta illi l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ġiet effettivament irrinunzjata meta imbagħad ġie eċċepit:

> **"Illi subordinatament u bla ħsara għas-susespost, *dato ma non concesso* li ġew ikkawżati xi danni, l-ammont kif mitlub fit-talba tar-rikorrenti huwa eċċessiv kif ukoll wieħed esaġerat u f'kull każ il-maġġoranza tal-ħsarat kienu pre-eżistenti għall-meta l-esponenti bdew ix-xogħol ta' kostruzzjoni u dan kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża *de quo*;"**

27. Kif ġa ngħad iktar 'l fuq il-ġurisprudenza tirritjeni ukoll illi xejn ma jkun jiswa jekk il-kompensazzjoni tkun ġiet opposta *in subordine* u bla preġudizzju tal-preskrizzjoni għax bil-fatt tiegħu stess, il-parti li jeċċepixxi l-kompensazzjoni jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni, liema rinunzja ma jistax isalva b'sempliċi riserva.

28. Dan jgħodd ukoll għal meta l-eċċipjent sussegwentement **<u>jirtira</u>** l-eċċezzjoni li l-ammont mitlub huwa esaġerat. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Dr. Jonathan Thompson noe. v. Hyperion Aviation Limited</u>** (PA, Rik 384/2015 RGM, deċiż 30/11/2021) ingħad hekk mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:

> "Huwa inutili għall-konvenut li fil-mori tal-kawża jirtira l-eċċezzjoni li l-ammont reklamat huwa esaġerat għaliex una volta interrott it-terminu tal-preskrizzjoni jerġa jibda jiddekorri mill-ġdid. L-interruzzjoni, ladarba sseħħ ma tistax tiġi irtirata. Ir-rinunzja tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tinnewtralizzax l-effetti tal-interruzzjoni ġia avverata."

29. Fil-każ in eżami l-intimati rtiraw l-eċċezzjoni tagħhom illi l-ammont mitlub huwa esaġerat permezz tan-nota ppreżentata fl-10 ta' Ottubru 2023[27]. Ċio nonostante, il-Qorti hija tenuta tqis illi l-interruzzjoni u rinunzja tal-preskrizzjoni seħħet b'effett mill-preżentata tar-risposta fit-12 ta' April 2023 li kienet tinkludi l-eċċezzjoni in kwistjoni (eċċezzjoni numru erbgħa) u li din ma tistax tiġi newtralizzata minkejja li ġiet sussegwentement irtirata

**Deċiżjoni**

**30. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

---

[27] Fol 20